MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1236/2010

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta` PUMA AG Rudolf Dassler Sport**

**vs**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u P.L. Liliana Buhagiar gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil Zhuhai Xing Yuan Development Co. Ltd. b'digriet tal-31 ta Jannar 2011**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' l-attur nomine tat-30 ta' Novembru 2010 li jghid hekk:

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja tal-marka "PUMA" registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka "Cat" registrat f'Malta bin-numru 13092;

Illi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena  t-trademark in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggett li huwa  identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tas-socjeta' attrici giet registrata u dan billi gab f'Malta kwantita ta' zraben ta' "Puma" liema oggetti mhumiex modelli tas-socjeta' attrici u ghandhom "clear cut infingements of PUMA trademarks" inkluz "wrong labels on show boxes" u "no security label", "wrong hang tags, wrong yellow black shoe box, wrong article numbers and style names";

Illi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici;

Illi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda tal-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew  importati f'Malta mill-konvenut bil-marka proprjeta tas-socjeta' attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 tal-Att dwar it-Trademarks u l-att tmienja tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-ligijiet ta' Malta (EC 1383/2003);

Ghaldaqstant jitlobu lil Qorti biex:

1. Tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks proprjeta tas-socjeta` attrici u l-Att tmienja (8) tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici;

2. Tordna l-qerda tal-oggetti spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-container GESU5524411 mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta' attrici;

Bl-ispejjez presentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni. B'riserva ghal azzjoni ta' danni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar 2011 fejn gew nominati l-kuraturi deputati ndikati sabiex jidhru ghall-entita` intimata;

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-4 ta' Marzu 2011  fejn ecceppew:

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-istess kuraturi deputati;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Philip Manduca ghas-socjeta` attrici li ddikjara li ma ghandux aktar provi oltre li jipprezenta nota bid-dokumenti li giet prezentata fit-3 ta' Marzu 2011. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Marzu 2011;

Rat ix-xhieda kollha prodotta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta' attrici hija proprjetarja tal-marki 'PUMA' u 'CAT' u dan kif jirrizulta mill-att promotorju ta' din il-kawza u wkoll mirregistrazzjoni ta' trademarks bin-numri 13091 U 13092 a fol. 4 tal-process.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta' George Agius, Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dawna tat-2 ta' Marzu 2011 li taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana ssospenda r-rilaxx tal-container numru GESU5524411 kontenenti fost ohrajn oggetti konsistenti f'hames mija w erba' (504) par zarbun sportivi u waslu fil-port hieles ta' Malta (*Malta Freeport*) waqt il-kors ta' procedura ta' trasbord (*transhipment*). L-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intellettwali.

Illi l-istess kontejner kien wasal Malta fuq il-vapur CMA CGM Bellini fit-13 ta' Ottubru 2010 u nfetah, u l-oggetti nzammu mill-Ufficjali tad-Dwana fil-15 ta' Ottubru 2010

fuq suspett li kienu foloz, u fil-fatt minn ezamijiet li saru gie kkonfermat li tali oggetti kienu fil-fatt kontrafatti u li kienu destinati lis-socjeta'/entita' intimata cioe affidavit ta' Neil Narriman, senior brand manager ta' PUMA AG, proprjetarja tal-marki in kwistjoni.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u dan permezz tax-xhieda u dokumenti kollha esebiti u filfatt lanqas biss hemm ebda kontestazzjoni u ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha bil-mod hawn indikat u tali oggetti ghandhom jigu distrutti a spejjez ta' l-istess entita' konvenuta, liema spejjez huma wkoll indikati fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana datat 2 ta' Marzu 2011.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'hames mija w erba' (504) par zarbun sportivi u jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container numru GESU5524411 kien fih l-imsemmija oggetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` attrici *stante* li falsifikati;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lill-konvenuta u a spejjez taghha;

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati, inkluzi dawk tat-trasport tal-oggetti ghal-lok tal-hazna, tal-hazna stess u tat-trasport mil-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, kif elenkati kollha fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius tat-2 ta' Marzu 2011 fl-atti tal-kawza;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta`/entita` konvenuta b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------